MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2513/2002

**Miller Distributors Limited**

**Vs**

**Geranz Bartolo f'ismu proprju kif ukoll bhala ezercitanti l-kummerc taht l-isem Danmar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmienja u hamsin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm58.83), bilanc ta' somma akbar u prezz ghall-bejgh ta' merkanzija.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lin-nutar Cherisse Ellul in rapprezentanza tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tmienja u hamsin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm58.83), bl-imghax skond il-ligi..

L-ispejjez kollha [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------